32006R1411

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1411/2006

tal-25 ta' Settembru 2006

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 817/2006 li jġedded il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 798/2004

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 60 u 301 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2006/318/PESK tas-27 ta' April 2006 li ġġedded il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/Mjanmar [1],

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) L-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 798/2004 tas-26 ta' April 2004 li jġedded il-miżuri restrittivi fir-rigward ta' Burma/Mjanmar u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1081/2000 [2] ippermetta lill-istituzzjonijiet finanzjarji li rċevew fondi trasferiti minn terzi persuni għall-kontijiet iffriżati ta' persuni jew entitajiet elenkati, biex jikkreditaw dawk il-fondi fit-tali kontijiet, bil-kondizzjoni li tali krediti kienu wkoll iffriżati.

(2) Ir-regolament (KE) Nru 817/2006 ssostitwixxa r-Regolament (KE) Nru 798/2004 iżda bi żvista ħalla barra dik id-dispożizzjoni. Ir-Regolament (KE) Nru 817/2006 għandu għalhekk jiġi emendat biex jinkludi tali dispożizzjoni.

(3) Huwa xieraq li dan ir-Regolament japplika mid-data li fiha r-Regolament (KE) Nru 817/2006 daħal fis-seħħ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 817/2006, għandu jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-Artikolu 6(2) m'għandux jipprevjeni lill-istituzzjonijiet finanzjarji jew ta' kreditu fil-Komunità milli jikkreditaw kontijiet iffriżati meta jirċievu fondi trasferiti minn terzi persuni fil-kont ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati, bil-kondizzjoni li kwalunkwe żieda f'tali kontijiet tiġi ffriżata wkoll. L-istituzzjoni finanzjarja jew ta' kreditu għandha tinforma bla dewmien lill-awtoritajiet kompetenti dwar tali operazzjonijiet.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mit-2 ta' Ġunju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' Settembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President
M. PEKKARINEN

---

[1] ĠU L 116, 29.4.2006, p. 77.

[2] ĠU L 125, 28.4.2004, p. 4. Regolament imħassar bir-Regolament (KE) Nru 817/2006 (ĠU L 148, 2.6.2006, p. 1).